MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 120/2004

Kawza fil-lista: 29

**AB**
**vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-kontendenti ghamlu cerimonja taz-zwieg nhar id-9 ta’ Mejju 1993 (Dok A).

U peress illi l-kontendenti qatt ma kellha l-intenzjoni li tghix il-hajja mizzewga u l-kunsens taghha kien vizzjat b’ difett serju fid-diskrezzjoni ta’ gudizzju dwar il-hajja mizzewga jew id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali li johorgu

minnha u b’ anomalija psikologika serja ghamlitha impossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

U peress li l-kunsens tal-kontendenti b’ qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga.

U peress li l-kunsens tal-kontendenti inkiseb bl-eskluzjoni taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

U peress li skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

Tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fid-9 ta’ Mejju 1993 huwa null u bla effett ghar-ragunijiet fuq premessi u skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 19 tal-Kap 255 (L-Att dwar iz-Zwieg) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet illi l-ebda wahda mir-ragunijiet li qieghed jadduci l-attur bhala bazi ghad-dikjarazzjoni tan-nullita’ taz-zwieg bejn il-partijiet ma tirrizulta fil-konfront ta’ l-eccipjenti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-list tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fid-9 ta’ Mejju 1993 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Minn naha taghha l-konvenuta qed tikkontesta dak attribwit lilha mill-attur.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fid-9 ta’ Mejju 1993 meta allura l-attur kellu 22 sena u l-konvenuta 23 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xuxlin circa erbgha [4] snin. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal, fil-21 ta’ Mejju 1994 u fit-2 ta’ Mejju 2001. Wara konvivenza matrimonjali ta’ circa disa [9] snin, il-partijiet, iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-24 ta’ Settembru 2002.

Illi l-ilment principali ta’ l-attur, u li hu jpoggi bhala l-kawza ewlenija ghat-tifkrik taz-zwieg tieghu, hija r-riluttanza qawwija da parti tal-konvenuta, martu, li taghmel l-att taz-zwieg, matul il-konvivenza matrimonjali. Huwa jiddeskrivi lil martu bhala persuna sesswalment frigida, u jghid li din kienet kontinwament tipprova tiskarta milli taghmel l-att taz-zwieg billi tidhol fis-sodda kmieni, taghtih l-appuntamenti bil-kalendarju u tohloq atmosfera ta’ dizgwid sabiex l-att taz-zwieg ma jsirx. Huwa jiddeskrivi lilu nnifsu bhala “dejjem frustrat”[1] minhabba din is-sitwazzjoni fiz-zwieg tieghu, u jghid li hu “qatt ma kelli ebda relazzjoni sesswali ma’ ebda persuna ohra”.

Huwa jghid li, peress li l-konvenuta riedet tfal fiz-zwieg, meta huma kellhom relazzjonijiet intimi bi skop tat-tfal “ghamilna … ejja ha mmorru. Hafna drabi ridt nisforza lili nnifsi fil-veru sens tal-kelma.” Jghid li l-konvenuta “ma kienitx tixxarrab… ta’ dejjem”[2] u ma kienitx kapaci tilhaq “climax” fis-sess.

---

[1] Fol.58
[2] Fol.69

L-attur jispjega li huwa kien jiftah qalbu ma’ hutu u ma’ ommu dwar din il-problemi fiz-zwieg tieghu.

Mary Cassar, omm l-attur, fl-affidavit taghha tikkonferma li “meta zzewwgu, wara xi ftit gimghat, mort ghandhom. Gie d-diskors fuq is-sess. It-tifel beda jghid li l-mara tieghu qatt ma jkollha aptit taghmel sess mieghu …. Nghid li qabel ma sseparaw, [il-konvenuta] marret ghand tabib biex jaghtiha xi pilloli biex tkun tista’ titqanqal. Darba qaltli li ma kienitx tista’ tilhaq “il-climax” fis-sess.”[3] Dan gie kkonfermat mill-istess xhud fid-depozizzjoni taghha quddiem din il-Qorti, fejn tafferma wkoll li l-attur kien “jilmenta hafna”[4] fuq il-bruda tal-mara tieghu fir-relazzjonijiet intimi. Hija tispjega li, ghalkemm il-konvenuta kienet tkun prezenti ghad-diskors li kien jghid binha, il-konvenuta “ma kienet tghid xejn, qatt ma qalet mhux vera, qatt ma nnegat, u kien ikun quddiemha jgifieri, qatt ma qalet li mhux vera.” Ix-xhud tikkonferma li l-ilmenti ta’ l-attur maghha, kienu bdew ftit gimghat wara z-zwieg.

L-attur jilmenta wkoll li l-konvenuta kienet vjolenti fil-konfront tieghu, u ma kienitx taghmel facendi tad-dar, izda kienet mohha biss fix-xoghol taghha u fil-karriera taghha ta’ ghalliema. Jghid li fid-dar kien jnaddaf u jsajjar hu.

Illi minn naha taghha l-konvenuta, in sostanza tirribatti l-allegazzjonijiet maghmula mill-attur fil-konfront taghha. Hija tichad li kienet tkun riluttanti fir-relazzjonijiet intimi, li hi tiddeskrivi bhala “normali”[5]; u di fatti tirrileva li minn dan iz-zwieg kellhom zewgt-it tfal. Inoltre, kuntrarjament ghal dak li jghid il-konvenut, huma kienu jaghmlu l-att taz-zwieg minn sena qabel iz-zwieg, u sahansitra kienu ghamlu erbgha pregnancy test.

Dan jikkontrasta ma’ dak li qal l-attur fl-affidavit tieghu, u cioe’ li huma kienu bdew jaghmlu l-att taz-zwieg minn “xi xaharejn qabel iz-zwieg”, ghalkemm fid-depozizzjoni

[3] Fol.24
[4] Fol.97
[5] Fol.76

tieghu jichad li kienu ghamlu l-att taz-zwieg qabel iz-zwieg.

Hija tghid li ftit gimghat wara z-zwieg, l-attur beda jkun vjolenti maghha, u ta’ sikwit kien irossha ma’ l-ghamara tal-kcina, sabiex tghaddi tieghu. Hija tichad li kienet titraskura l-facenti tad-dar, ghalkemm issostni li anke l-attur, kellu d-dmir li jghinha f’ dan ir-rigward tenut kont tal-fatt li hi wkoll tahdem barra d-dar.

Illi rigward l-allegazzjoni ta’ l-attur, dwar ir- riluttanza taghha ghall-att taz-zwieg, u l-bruda taghha fir-relazzjonijiet intimi, il-konvenuta tichad dan, izda tispjega li hija kienet tkun riluttanti meta l-attur kien javvicinaha fis-sieghat bikrin ta’ filghodu wara li kien ikun ilu hin twil jara l-pornografija minn fuq l-internet. Minn naha tieghu l-attur jichad din l-allegazzjoni tal-konvenuta, ghalkemm jammetti li kien hemm “xi kaz”[6] fejn il-mara tieghu kienet qabditu jara videos pornografici.

Il-konvenuta tghid li l-attur kien jimponi ruhhu fuqha fis-sens li kien jghidilha “jiena r-ragel, jien nikkmanda, jien Leo .. allura jien nikkmanda, jekk ma joghgbokx ma jimpurtanix.”[7] Tghid li fit-tielet sena taz-zwieg, kien beda jghidilha “jiena ma nhobbokx, jiena zzewwigtek biss biex ikolli t-tfal u biex ikun hemm xi hadd isajjar u jnaddaf.”[8] u “kien jghidli day in, day out, it-tfal f’ idejk, l-indafa tad-dar f’ idejh, kollox f’ idejk, jiena Leo u jien nikkmanda, jekk ma joghgbokx aqbez il-barra, that was the order of the day, every single day.”

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Il-Qorti hasbet fit-tul fuq dan il-kaz, tenut kont tal-mod kategoriku li bih xehed l-attur u ix-xhieda ta’ ommu minn naha wahda; u ta’ l-ispjegazzjonijiet moghtija mill-konvenuta, u tax-xhieda kontrastanti taghha min-naha l-

[6] Fol.62
[7] Fol.81
[8] Ibid.

ohra; u tikkunsidera opportuna s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi fl-ewwel lok jigi osservat illi, ghalkemm huwa minnu li tezisti nkonsistenza fix-xhieda ta’ l-attur bejn dak li hu qal fl-affidavit tieghu u dak li xehed fid-depozizzjoni tieghu, rigwardanti jekk l-att taz-zwieg kienx sar qabel iz-zwieg jew le; u ghalkemm il-Qorti hija propensa li taccetta bhala veritiera t-tezi li l-partijiet kienu jaghmlu l-att taz-zwieg qabel iz-zwieg; izda l-Qorti thoss li dan il-fatt ma jimmiltax serjament kontra t-tezi ta’ l-attur, u cioe’ li fiz-zwieg il-konvenuta kienet riluttanti hafna li taghmel l-att taz-zwieg mieghu.

Il-Qorti, wara li semghet lill-partijiet jiddeponu, u anke lil omm l-attur, hija propensa li taghti affidament lill-attur meta dan jghid li fiz-zwieg il-konvenuta kienet tevita li taghmel l-att taz-zwieg mieghu; u thoss li ghandha taghti ukoll piz probatorju relevanti lix-xhieda ta’ ommu, Mary Cassar, li, inter alia, ikkonfermat li ftit gimghat wara z-zwieg l-attur kien beda jilmenta maghha, quddiem il-konvenuta, li martu ma kienitx titqanqal u “it-tifel beda jghid li l-mara tieghu qatt ma jkollha aptit taghmel sess mieghu.”[9]

[2] Illi inoltre l-fatt li l-partijiet kellhom zewgt-it tfal fiz-zwieg ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni; ghax il-fatt li l-partijiet kellhom zewgt-it tfal f’ konvivena matrimonjali ta’ circa disgha snin, ma jeskludix il-fatt li l-konvenuta kienet ta’ sikwit tirrifjuta li jkollha x’ taqsam mar-ragel taghha, l-attur.  Barra minnhekk jidher li t-tfal kien mixtieqa u ppjantati.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi kif sottomess mill-attur fin-nota tieghu d-dritt ghall-att taz-zwieg ghandu jigi ezercitat “skond in-norma u cioe’ b’ mod regolari u mhux b’ mod kondizzjonali u rari.  Min jizzewweg jidhol ghall-pizijiet taz-zwieg imma wkoll biex

[9] Aff. Fol.24

jidhol f' relazzjoni intima mal-[konjugi l-iehor]. Din l-intimita' ma tistax issehh jekk l-att sesswali jigi eskluz jew donnu jinghata raraemnt lill-parti l-ohra, donnu b' xi pjacir kbir" jew bi sforz.

Il-Qorti hija tal-fehema li r-riluttanza qawwija da parti tal-konvenuta ghall-att sesswali kienet il-kawza principali li wasslet ghat-tkissier tal-hajja matrimonjali tal-partijiet, jew b' izjed precizjoni, kienet ta' ostakolu kbir sabiex il-partijiet jintegraw fir-relazzjoni matrimonjali ta' bejniethom; u dana peress li l-konvenuta, mill-bidunett taz-zwieg, ma kienitx kapaci, minhabba l-kondizzjoni taghha, li tassumi l-pizijiet u l-obbligi tal-hajja matrimonjali, li fil-gurisprudenza jinsabu defeniti bhala "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obbligation of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of conjugal community. It is important to remember that these obligations must be mutual, permanent, continuous exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psycholoigical cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics [*Viladrich – citat fis-sentenza PA[VGD] Anna Galea vs John Walsh deciza 20 ta' Marzu 2000*]. Inerenti f' dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-kontraenti li jaghtu lilhom infushom lill xulxin fit-totalita' taghhom sabiex tigi stabbilita' bejniethom "the community of life and love." f'liema komunjoni s-sesswalita' ghandha rwol importanti.

Jinsab ritenut ukoll fil-gurisprudenza nostrana li jekk parti fiz-zwieg minhabba xi anomalija psikologika serja ma tikunx tista' taghti [mhux semplicement "ma taghtix"] lilha nnifisha fit-totalita' taghha lill-parti l-ohra b' mod permanenti, kontinwu u esklussiv, u jekk tali anomalija tkun tissussisti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, ikun hemm id-difett ravvizat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

Gie osservat li "vi sono in effetti delle persone le quali per gravi perturbazioni del substrato psico-fisiologico sono incapace di stabilire quella relazzjone interpersonale – in quanto comporta la mutua donazione di due persone – perpetua, esclusiva e intima, che e' richiesta dalla comunione di vita coniugale, ncessaria per il raggiungimento, in modo veramente umano, della finalita' propria del matrimonio, senza la quale la societa' coniugale non puo' esistere" [Bersini: Il Diritto Canonico Matrimoniale.][10]

Jigi osservat ukoll li "per dare un valido consens, non e' sufficiente u grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio [ma] e' necessaria la maturita' di gudizio capace di pondere in concreto I doveri ed i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita.  In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." [*Bersini*]

Illli fil-meritu l-Qorti tosserva li l-provi juru li l-konvenuta fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha ma kienitx kapaci taghraf, tapprezza u tassumi adegwatament l-obbligu taghha li fiz-zwieg taghmel l-att konjugali bhala mezz biex issahhah ir-relazzjoni fizika ma zewgha, ingredjent essenzjali sabiex tigi stabbilita "the community of love and life."  Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehema li f' dan il-kaz jezisti fil-konfront tal-konvenuta l-caput nullitati kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Dan premess u kkunsidrat it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha;  izda fic-cirkostanzi, tenut kont tan-natura tal-kaz, l-Qorti thoss li l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa.

**Decide**

---

[10] Sottolinear tal-Qorti

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talba ta' l-attur, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-9 ta' Mejju 1993.

Spejjez bla taxxa

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------